Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

Data tal-laqgħa: 23 ta' Marzu 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

28.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 27. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 28.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

28.3.1.1 <u>Para 27.3.1 – Toroq li se jsiru minn IM</u>
Is-Sindku infurma li ftit tal-ġimgħat ilu l-Kunsill ġie nfurmat li ser jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Sir Antonio Micallef. Però sal-lum għad m'hemm l-ebda ħjiel ta' meta se jibda x-xogħol.

28.3.1.2 Dwar ix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq Idmejda u Triq il-Kardinal Cardijn, is-Sindku infurma li fit-8 ta' Marzu kellu laqgħa mal-Inġ. Cassar, fejn infurmah li fi żmien ġimgħa kellhom jibdew x-xogħlijiet relatati mal-*main* tal-ilma. Is-Sindku qal li xogħlijiet se jkunu maqsuma fi tliet (3) fażijiet.

28.3.1.3 Ser jintbagħtu *reminders* biex niċċekjaw meta ser jibda x-xogħol. Dwar Triq Idmejda, ser nitolbuhom jinfurmaw lir-residenti dwar kif ser isir id-devjazzjoni tat-traffiku sakemm isir ix-xogħol.

28.3.2 <u>Para 27.3.5, Para 27.3.6 u Para 27.3.7</u>
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi *update*. Is-SE infurmat li għad m'għandniex *feedback*. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħat *reminders* u l-Kunsilliera jinżammu ikkupjati fil-korrispondenza.

28.3.3 <u>Para 27.4.1 - Għassa tal-Pulizija</u>
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi risposta dwar it-talba li saret lill-Prim Ministru, għad-devoluzzjoni tal-binja tal-għassa ta' Ħal Balzan. Is-Sindku wieġeb li għadu ma rċeviex risposta.

## 28.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

28.4.1 <u>Triq Idmejda</u>
Is-Sindku xtaq jiċċara li x-xogħlijiet li se jsiru mhux ser jinkludi *re-structuring* / *re-surfacing* tat-triq, imma huwa biss il-bdil tal-*main* tal-ilma u l-*connections* tad-djar minn fejn l-HSBC , tul Triq Idmejda kollha u Triq il-Kardinal Cardijn. Is-Sindku qal li ġibdilhom l-attenzjoni dwar xi *issues* partikolari f'din it-triq, kif ukoll li kien hemm problema bil-qlib. L-Inġ. Cassar infurma li huma mhu se jidħlu xejn f'dawn l-*issues* peress li kull m'hu se jsir huwa l-bdil tal-*main* tal-ilma minn taħt il-bankina u l-*connections* tad-djar. Huma ser ikunu qed jagħmlu *re-instatement* ta' fejn jaqilgħu biss.

28.4.2.1 <u>Pagamenti li jsiru fl-uffiċċju tal-Kunsill</u>
Is-Sindku semma l-problema li qed jiffaċċjaw ir-resident meta jagħmlu pagamenti fl-uffiċċju tal-Kunsill u talab biex kemm jista' jkun tinstab xi tip ta' soluzzjoni.

28.4.2.2 Is-SE infurmat li fejn jidħlu permessi, ir-residenti jistgħu iħallsu bi flus kontanti, ċekk, EPOS jew *bank transfer*. F'każ ta' *bank transfer*, ir-resident irid jaħseb minn qabel biex qabel jinħareġ il-permess, nassiguraw li daħlu l-flus dovuti fil-kont tal-Kunsill. Is-SE spjegat ukoll li l-permess jista' jiġi bbukjat permezz ta' *email* u wara li jsir il-ħlas, jintbagħat il-permess lill-applikant permezz ta' *email* mill-Kunsill. B'hekk l-applikant jinqeda mill-kumdità ta' daru.

28.4.2.3 Dwar ħlasijiet relatati mal-entitajiet (bħal LESA u *Lands*), preżentament qed jiġi aċċettat ħlas permezz ta' ċekk biss. Dan għaliex il-BOV mhux taċċetta depożiti ta' muniti. Is-SE qalet li qed tipprova ssib soluzzjoni li tkun trasparenti għall-kotba tal-Kunsill, b'konsultazzjoni mal-*accountant* biex fil-futur qarib jibda jiġi aċċettat permezz ta' flus kontanti ukoll. Dwar l-EPOS, is-SE spjegat li l-Kunsill jiġi ċċarġjat għal kull transazzjoni li ssir, u ma tħossx li l-Kunsill għandu jeħel dawn iċ-charges *kollha,* meta dawn il-flus imorru kollha għand l-entitajiet.

28.4.2.4 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jekk xi ħadd ikun irid iħallas kontravenzjoni permezz tal-*card,* għandna nippruvaw inħallsuhielu minn fuq il-*website* (www.les.gov.mt) li tista' tintuża mill-pubbliku, b'hekk ikollhom opzjoni oħra, speċjalment dawk li ma jużawx il-kompjuter. Il-Kunsill qabel u s-SE infurmat li ser jibda jiġi offrut dan is-servizz, jekk din il-*website* tħallik tħallas kontravenzjonijiet ta' terzi.

28.4.3.1 <u>Proġett – *Ex-Dolphin Centre*</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li numru ta' residenti qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-proġett ta' żvillup tal-*ex-Dolphin Centre*. Sal-lum il-proċess biex jinħareġ il-permess tal-PA għall-iżvilupp għadu ma bediex, għax l-applikant qed jiġi mitlub mill-PA sabiex jissottometti aktar dokumentazzjoni, inkluż il-pjanti tal-proġett propost. Għalhekk, il-perjodu fejn tista' ssir oġġezzjoni għadu ma bediex. Ġie rrimarkat li għalkemm għad m'hemmx permess għal dan l-iżvilupp, is-sid diġà qed jirreklama l-*units* għal bejgħ.

28.4.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u f'dan l-istadju, il-Kunsill unanimament qabel liż-żewġ siġriet li hemm fuq il-bankina quddiem il-binja ma jinqalgħux, għalhekk ser niktbu uffiċjalment lill-iżviluppatur sabiex tassigurana dawn is-siġar mhux se jintmissu.

28.4.3.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jiltaqa' mar-residenti biex jisma' l-punti tagħhom. Il-Kunsill mhux se jieħu pożizzjoni qabel ma jinħarġu l-pjanti uffiċjali tal-proġett u qabel ma jieħu parir tekniku. Il-Kunsilllier Mary Louise Briffa qalet li l-Kunsill jista' jiddiskuti dan il-proġett mar-residenti fil-laqgħa tal-lokalità li se ssir tliet ġimgħat oħra.

28.4.3.4 Is-Sindku infurma li, għalkemm legalment mhux ipprojbit, hu bħala nutar diġà irrifjuta li jagħmel 3 konvenji, la darba għadu ma nħariġx il-permess tal-PA. Qal ukoll li sakemm jinħareġ il-permess u xi *stand* se jieħu l-Kunsill għal dan l-iżvilupp, hu ser jibqa' jirrifjuta xogħol relatat ma' dan l-iżvilupp.

## 28.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

28.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 28.6 Rapporti

28.6.1.1 <u>Pjan ta' Ħidma 2021-2025</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma 2021-2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

28.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

28.6.2.1 <u>Rapport Amministrattiv għas-sena 2020</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020, li jinkludi r-Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

28.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

28.6.2.3 Il-Viċi Sindku infurma li qed jiġi ppjanat li għal bidu ta' April toħroġ l-ewwel *e-Newsletter,* li ser ikun fiha r-Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera għas-sena 2019 u 2020.

## 28.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

28.7.1 Is-Sindku qal li xhur ilu meta l-Kunsill approva l-proġett, u wara li l-Perit kien ħareġ l-ewwel abbozz ta' pjanti, kien talbu biex jagħtina indikazzjoni tal-ispiża kapitali. Dan biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi jekk

jiflaħx għal din l-ispiża. Il-Perit kien infurma li kien indika l-ispiża tal-proġett kif kien qed jiġi propost titla' €250K, b'possibbiltà ta' varjanza ta' 25%. U għalhekk, il-Kunsill beda l-proċess biex iħejji l-pjanti biex isir il-proġett.

28.7.2 Is-Sindku infurma li dalgħodu waslet l-istima dettaljata tal-proġett, li tammonta għal ftit aktar minn €1M. Ġie rrimarkat li l-Kunsill m'għandux minn fejn jiffinanzja spiża bħal din. Il-Kunsill iddiskuta, u fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament approva li jwaqqaf dan il-proġett hekk kif kien qed jiġi propost, u minflok isir *upgrade* tal-latrina u jinbidel l-*playing field equipment* kollu. Dan billi jekk huwa possibbli, il-latrina preżenti, ssir *store,* u tinbena latrina ġdida fuq il-binja preżenti mingħajr ma jsir skavar. Ser jiġi ċċekkjat mal-Perit jekk dan huwiex possibbli li jsir.

28.7.3 Il-Kunsill qabel li nġiebu kwotazzjonijiet biex jinbidlu r-*rubber mats* u l-*playing field equipment* kollu u napplikaw għall-Skema SPI/SCI/02/2021 maħruġa mid-DGL, fejn jekk tiġi approvata, tingħata lura 85% tal-ispiża.

## 28.8 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

28.8.1 Is-SE infurmat li wara li ġiet sottomessa l-applikazzjoni. Kif mitlub mill-PA, il-Kunsill applika biex tinħareġ il-*clearance* mill-Lands, sabiex il-PA ikunu jistgħu jipproċessaw l-applikazzjoni. Is-SE infurmat li dalgħodu stess ċemplet lill-*Lands* u biex tinfurmhom li l-Kunsill għandu bżonn il-*clearance* urġenti minħabba l-applikazzjoni tal-PA.

## 28.9 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

28.9.1.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 6/2020 – Avveniment Soċjo Kulturali</u>
Dwar il-kunċert virtwali, is-Sindku infurma li tkellem mal-mużiċista Maria Conrad, fejn qablet mal-kunċett u lesta li tikkoordina l-*event* li probabbli jkun fih sitt mużiċisti professjonali. Però, qabel ma tiġi ppjanata d-data, iridu jistennew li tinħarġilhom l-iskeda tal-kunċerti li se jkollhom, biex isibu data disponibbli. Is-Sindku qal li ser tipprova wkoll tinkludi kantanta. Din l-attività tkun *live streamed.* Ser inġiebu kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *professional live streaming*. L-ispiża totali m'għandiex taqbeż il-€5K.

28.9.1.2 Peress li din l-iskema hemm €10K marbutin magħha, il-Viċi Sindku issuġġerixxa li l-kumplament tal-fondi jintużaw biex isir dokumentarju fuq Ħal Balzan. Dan id-dokumentarju mbagħad jiġi *launched* permezz ta' *online event*. Il-Kunsill qabel u ser niċċekkjaw mar-Reġjun biex naraw jekk din hix eliġibbli għal din l-iskema. Apparti minn hekk, se nġiebu kwotazzjonijiet għall-produzzjoni ta' dan id-dokumentarju.

28.9.2.1 <u>Restawr tal-Madonna tar-Rummiena</u>
Is-SE infurmat li l-istima dwar ir-restawr tal-Madonna tar-Rummiena li ġiet ippreżentata fil-laqgħa preċedenti kienet mingħajr VAT u għalhekk hemm differenza ta' madwar €1K, b'total ta' madwar €10K VAT inkluż. Il-Kunsill approva lid-differenza tiġi ffinanzjata minn Skema Nru. 1/2020.

28.9.2.2 Is-SE se tapplika mar-Reġjun u kif tiġi approvata jibda l-proċess għas-sejħa ta' kwotazzjonijiet / offerti.

## 28.10 Fondi LESA – Proġetti fil-komunitajiet

28.10.1 Ġiet innutata skema maħruġa mill-LESA fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minn 80% tal-ispiża tal-proġett sa mhux aktar minn €80K. Hemm ħames kategoriji ta' proġetti li l-Kunsill jista' japplika. Applikazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta' April 2021.

28.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u ssemmew numru ta' proġetti li jista' japplika għalihom. Fost il-proġetti li ssemmew, ġie ssuġġerit li jinxtara vann elettriku biex il-Kunsill ikun jista' joffri trasport nadif lill-anzjani billi darba fil-ġimgħa jitwasslu għall-appuntamenti li jkollhom Mater Dei u l-*Health Centre* ta' Birkirkara.

28.10.3 Se jiġi ċċekkjat numru ta' affarijiet fosthom:
- Min se jsuqu u x'liċenzja hemm bżonn biex jinstaq dan it-tip ta' vann. Jekk se nqabbdu *driver,* kemm se jiġi jiswa.
- Jekk nistgħux inħalluh barra u fejn se jiġi ċċarġjat.
- Kemm jiswa l-vann biex jinxtara.

28.10.4 Din l-*item* se terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 28.11 SPI/SCI/02/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

28.11.1 Kif indikat aktar qabel, il-Kunsill se jġib kwotazzjonijiet biex jinbidlu r-*rubber mats* u l-*playing field equipment* kollu u napplikaw għal din l-iskema.

## 28.12 SPI/SCI/03/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021

28.12.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tad-DGL, fejn qed jinfurmaw li biex inkunu nistgħu nibbenefikaw minn din l-iskema, il-proposti msemmija mill-Kunsill (preservazzjoni ta' mużika sagra tal-lokal u dokumentarju awdjo viżiv fuq ir-raħal ), iridu jkunu inkorporati bħala parti minn attività u mhux isiru separatament.

28.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u peress li ma tantx baqa' żmien biex napplikaw, ġie deċiż li ma jissottomettix applikazzjoni.

## 28.13 Servizz ta' trasport għall-anzjani

28.13.1 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li l-bieraħ saret il-laqgħa mal-Ministru responsabbli mill-Anzjani, Dr Michael Farrugia. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi diversi affarijiet. Il-Ministru Farrugia infurma li ser jitwaqqfu numru ta' servizzi li qed jiġu offruti f'diversi rħula oħra, bħas-servizz tan-*nurse* li jmur jieħu d-demm lill-anzjani fil-kumdità tad-dar tagħhom. Dan għaliex id-demm ma jibqax tajjeb jekk ċertu testijiet ma jsirux immedjatament.

28.13.2 Waqt il-laqgħa, Dr Farrugia infurma li ser jinxtraw 12 -il *electric bus* u ser jibda jiġi offrut servizz lill-anzjani tat-trasport għall-affarijiet neċessarji ma' Malta kollha. Ser ikun hemm vettura waħda disponibbli biex tintuża mir-residenti ta' Ħal Balzan flimkien ma' 4 lokalitajiet oħra fil-viċinanzi.

28.13.3 Il-Ministru Farrugia infurma wkoll li ser jibdew jiġu organizzati *integration activities* għall-anzjani bil-għan li titnaqqas il-problema tas-solitudni.

## 28.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

28.14.1.1 <u>Corona Virus (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-DGL bħala Emenda għal Direttiva 13.3 maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

28.14.1.2 Is-SE infurmat li hekk kif kien maqbul mill-Kunsilliera kollha permezz tal-*email,* ġew mixtrija 2 *laptops* ġodda u apparat ieħor għall-iskrivani, biex ikunu jistgħu jaħdmu *teleworking*. Is-SE spjegat li bħala miżura ta' prekawzjoni u skond id-Direttiva emendata 13.3, fejn hu possibbli l-iskrivani u s-SE qed jaħdmu bit-*teleworking*. Ovvjament, l-uffiċċju xorta baqa' miftuħ u s-servizzi neċessarji qed jingħataw xorta.

28.14.1.3 Resident talab li ssir xi tip ta' *canopy* barra l-uffiċċju sakemm in-nies jistennew biex jinqdew mill-Kunsill, speċjalment meta tkun ix-xita. Ġie rrimarkat li m'hemmx fejn issir *canopy,* għax biex issir jew timblokka l-aċċess tal-ġirien jew inkella jrid jitneħħa l-*parking* ta' quddiem il-Kunsill. Din is-sitwazzjoni hija xi ħaġa temporanja u rridu nieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa għas-saħħa kemm tal-impjegati kif ukoll tar-residenti.

28.14.2.1 <u>Disponiment ta' Assi tal-Kunsill</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

28.14.2.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 1). Il-Kunsill qabel li, peress li l-kompjuters għadhom jaħdmu, minflok jintremew, jingħataw lil xi entità fil-bżonn. Qabel jitneħħew mill-uffiċċju, ser tiġi kkanċellata d-dejta kollha li hemm fuq il-kompjuters.

28.14.3.1 <u>*LC Care Project Grant Scheme* 2020</u>
<u>Kwotazzjonijiet għas-Servizz ta' Veterinarju għal *stray cats*</u>

Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet veterinarji għal kwotazzjoni għas-Servizz ta' Veterinarju għal *stray cats*. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta mit-tnejn li waslu ta' Pets & Vets Veterinery Clinic.

28.14.3.2 <u>Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' ikel għal *stray cats*</u>

Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-tliet kumpaniji għal kwotazzjoni għax-xiri ta' ikel għal *stray cats*. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' Borg Cardona & Co Ltd.

28.14.3.3 <u>*Educational Campaign*</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-fuljett edukattiv li ġie ppreparat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill approva l-kontenut. Il-Kunsillier De Gaetano qal li ġab kwotazzjoni għall-istampar ta' 2,000 kopja li tammonta għal €265 (VAT eskluż). Il-Kunsill approva.

28.14.4.1 <u>Pubblikazzjoni ta' 2 kotba ġodda fuq Ħal Balzan</u>

Ġiet innutata ittra mibgħuta mis-Sur Carmel Bezzina dwar żewġ (2) kotba fuq Ħal Balzan li ser jippubblika:

1. Ħal Balzan u l-Lunzjata u aktar kitbiet;
2. Ġrajjiet u Tifkiriet

28.14.4.2 Bħall-pubblikazzjoni preċedenti (il-Kunsill kien xtara 60 kopja), is-Sur Bezzina qed joffri rata speċjali ta' €18 (minflok €20) lill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li jixtri 30 ktieb minn kull pubblikazzjoni (60 ktieb b'kollox). Dawn ser jitpoġġew għall-bejgħ mill-uffiċċju tal-Kunsill bl-istess rata mixtrija.

28.14.5 <u>*Overspeeding* fi Triq il-Kbira (bejn l-ispiżerija u l-Pjazza)</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn resident dwar periklu fi Triq il-Kbira peress li vetturi jitilgħu b'veloċità qawwija. Ġie rrimarkat li f'dik iż-żona ma tistax issir *sleeping policeman* għar-raġuni li tikkawża *flooding* fir-residenzi li għandhom kantina fiż-żona. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex isiru 30Km/hr *road markings,* waħda fejn Sqaq Nru. 1 u oħra fejn ftit 'il fuq mill-ispiżerija.

28.14.6.1 <u>Ċirkulari AKL 2021/027 – Spazji fil-lokalità għall-installazzjoni ta' *charging pillars*</u>

Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2021/027 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill irrimarka li normalment min għandu *electric car* jiċċarġjah fil-garaxx tiegħu. Il-Kunsill innota wkoll li fil-pjazza hemm 2 parkeġġi riservati b'*charging pillar* li rarament jiġu wżati. Fil-lokalità hawn nuqqas kbir ta' parkeġġ u għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandu jidentifika postijiet ġodda għal dawn iċ-*charging pillars*.

28.14.6.2 Ġie rrimarkat ukoll, li jekk il-Gvern Ċentrali japprova li jtina l-għalqa li hemm f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina b'devoluzzjoni biex issir parkeġġ kontrollat, il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jalloka xi parkeġġ minn din l-għalqa għaċ-*charging pillars*.

## 28.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.15.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/21, li tinkludi l-ammont ta' €118.44c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2021.

28.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 28.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

28.16.1 Il-laqgħa ntemmet fil-6.45pm.

28.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2021 fl-4.00pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa terġa' ssir *online*.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' April 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 1

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 28 of 23rd February 2021 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price** |
| | | | | |
| COMP-010 (CMP00001) | Rock Core Computer / monitor / keyboard | Outdated. Replaced by new laptop. | 24/01/2012 | €689.00 |
| Comp02-13 (CMP00003) | Esprimo Fujitsu Computer | Outdated. Replaced by new laptop. | 25/10/2013 | €590.00 |
| KEYB-001 (OFE00013) | Computer Keyboard | Outdated. | 01/04/2004 | - |
| Monitor1-2-3 | 2 Viewsonic monitors | Too small and outdated. Replaced by bigger monitors. | 17/12/2010 | €253.00 |

**SIGNED**

__________________

Not. Ian Spiteri
Mayor

**SIGNED**

__________________

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 23rd February 2021

Ħal Balzan Local Council
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt